`

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Luqa**

**9 LEĠIŻLATURA**

**Laqgħa Numru 32**

**It-Tlieta 9 ta' Ġunju 2026**

Il-Kunsill Lokali Ħal Luqa ltaqa' ġewwa l-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz: 174, Ċentru Ċiviku, Triq il-Ġdida, Ħal Luqa, fil-17.30.

**PREŻENTI**:

| | |
|---|---|
| Is-Sur John Schembri | Sindku |
| Is-Sur Keith Bartolo | Viċi Sindku |
| Is-Sur Jeffrey Scicluna | Kunsillier |
| Is-Sur Anton Gatt | Kunsillier (wasal 17.45) |
| Is-Sur Matthew Spiteri | Kunsillier |
| Is-Sur Frederick Aquilina | Kunsillier |

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A):**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Andrew Cassar | Kunsillier |

**ASSENTI:**
Ħadd

**UFFIĊJALI PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sa Astrid Pell | Segretarju Eżekuttiv |

**MEMBRI MILL-PUBBLIKU:**
Ħadd

**32.01 Qari tal-ittri ta' apoloġija**

**32.01.01** Il-Kunsillier Andrew Cassar talab sabiex ikun skużat minn din is-seduta minħabba raġunijiet personali. Din it-talba ġiet aċċettata mill-kunsilliera kollha preżenti.

**32.02 Approvazzjoni tal-minuti (seduta 31)**

**32.02.01** Fuq proponiment tal-Viċi Sindku Keith Bartolo u sekondat mill-Kunsillier Anton Gatt, il-minuti ta' seduta **31** ġew approvati unanimament.

**32.03 Approvazzjoni ta' kwotazzjonijiet**

**32.03.01** Xejn

**32.04 Komunikazzjoni mis-Sindku**

**32.04.01** Is-Sindku John Schembri qal lill-Kunsilliera li rċieva komunikat mil-Luqa Youth Centre se jkunu qed jorganizzaw Quddiesa taż-Żgħażagħ nhar it-28 ta' Ġunju 2026 fl-10.30 am. Is-Sindku John Schembri ħeġġeġ lill-Kunsilliera sabiex jattendu għal din il-quddiesa.

**32.04.02** Is-Sindku John Schembri qal lill-Kunsilliera preżenti li rċieva korrispondenza mill-Assoċjazzjoni għall-Kunsilli Lokali dwar Laqgħa Plenarja li se ssir fis-27 ta' Ġunju 2026 bejn it-8.30 am sat-15.30 pm. Is-Sindku John Schembri qal lill-Kunsilliera preżenti li ntbagħatet l-email mill-Kunsill sabiex min irid jattendti jista' japplika.

**32.05 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera**

**32.05.01** Il-Kunsillier Matthew Spiteri staqsa lis-Sindku John Schembri jekk hux possibbli li ssir zebra crossing fi Triq il-Ġdida. Is-Sindku John Schembri wieġbu li din iz-zebra crossing se ssir.

**32.05.02** Il-Kunsillier Matthew Spiteri staqsa għaliex it-triq fejn hemm il-LIDL saret one way. Is-Sindku John Schembri wieġbu li saret hekk għaliex Transport Malta ħasbu għas-sigurta` tan-nies.

**32.05.03** Il-Kunsillier Matthew Spiteri staqsa lis-Sindku John Schembri dwar tappiera, faċċata tal-LIDL li sfrondiet iżżejjed u li saret aktar perikoluża, jekk kinintx irrappurtata. Is-Sindku John Schembri qal li dik it-tappiera kienet irrappurtata u se tittieħed azzjoni dwarha.

**32.05.04** Il-Kunsillier Matthew Spiteri staqsa lis-Sindku, jekk fejn hemm il-klabb tal-boċċi, fejn ic-charging station tistax issir tabella biex in-nies ma jħammġux. Il-Kunsillier Matthew Spiteri tenna li qed isiru ħafna rapporti rigward ħmieġ komuni u ħmieġ tal-annimali. Is-Sindku John Schembri qal li fil-futur qarib hemm il-ħsieb li jsir tisbiħ u titjib ta' dik iż-żona.

**32.05.05** Il-Kunsillier Matthew Spiteri staqsa lis-Sindku John Schembri jekk hux possibbli li fejn il-ħanut The Gallery jistgħux isiru bollards tal-plastik. Is-Sindku John Schembri wieġeb li jistgħu jsiru double yellow lines u jsir aktar infurzar tal-liġi.

**32.05.06** Il-Kunsillier Matthew Spiteri staqsa lis-Sindku John Schembri jekk tistax tkun iffriskata l-loading/unloading bay li tinsab fi Triq Sant'Andrija. Is-Sindku John Schembri wieġbu fl-affermattiv u qal li se jqabbad lill-ħaddiema tal-Kunsill sabiex jagħmlu dan.

**32.05.07** Il-Kunsillier Matthew Spiteri staqsa lis-Sindku John Schembri jekk tistax issir sleeping policeman fi Triq Sant'Andrija quddiem il-Każin tal-PN. Is-Sindku John Schembri qal li huwa se jagħmel din it-talba lit-Transport Malta.

**32.05.08** Il-Kunsillier Anton Gatt staqsa lis-Sindku John Schembri jekk jistax isir xi ħaġa fit-Triq taċ-Ċimiterju biex ma jibqax isir parkeġġ tas-sewwieqa tat-taxis. Il-Kunsillier Anton Gatt ssuġġerixxa li l-Kunsill Lokali jagħmel oġġezzjoni għall-ipparkjar tal-Y plates. Is-Sindku John Schembri wieġeb li se jara li jkun hemm aktar infurzar.

**32.05.09** Il-Kunsillier Frederick Aquilina staqsa lis-Sindku John Schembri jekk hemmx ippjanat li ssir Triq Indri Micallef. Is-Sindku John Schembri qal lill-Kunsillier frederick Aquilina li hemm sensiela ta' toroq li se jsiru fil-ġejjieni u Triq Indri Micallef hija waħda minnhom.

## 32.06 Komunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv

**32.06.01** Is-Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell ippreżentat il-messaġġi What's App u tat rendikont u ppreżentat ir-rapporti mitluba ta' kemm daħlu l-ilmenti matul dan ix-xahar.

**32.06.02** Is-Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell qalet lill-Kunsilliera preżenti li l-Audit tas-sena 2025 ġie konkluż. Is-Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell qalet li fil-jiem li ġejjin hija se tkun qed issejjaħ żewġ laqgħat b'urġenza sabiex ikunu approvati l-Audited Financial Statements tas-sena 2025 f'seduta waħda, filwaqt li fis-seduta l-oħra tkun ippreżentata t-tweġiba tal-Management Letter.

## 32.07 Korrispondenza

**32.07.01** Xejn

## 32.08 Skema: SPI.SCI.04.2026 – Manutenzjoni u Sostenn ta' Proġetti Infrastrutturali Maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern Ċentrali

**31.08.01** Is-Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell ippreżentat din l-iskema lill-Kunsilliera preżenti. Is-Sindku John Schembri ssuġġerixxa li permezz ta' din l-iskema jsir titjib u tisbiħ tal-klabb tal-boċċi. Is-Sindku John Schembri qal li jkun għaqli li jittella' sular u ssir librerija. Is-Sindku John Schembri kompla jgħid li b'dawn il-fondi jista' jsir il-madum, il-manutenzjoni tal-boċċi, tal-latrina u tal-outdoor gym. Il-Kunsillier Matthew Spiteri ssuġġerixxa ukoll li jsir parkeġġ żgħir fiż-żona ta' fejn jarma l-monti. Il-Kunsilliera preżenti qablu mas-suġġerimenti proposti.

## 32.09 Audited Financial Statements 2025

**32.09.01** Is-Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell spjegat li l-Audited Financial Statements 2025 se jkunu lesti dalwaqt u tissejjaħ laqgħa b'urġenza kif spjegat qabel.

## 32.10 Żvilupp Qasam Sperimentali Ħal Farruġ

**32.10.01** Is-Sindku john Schembri qal li l-Kunsill Lokali ta' Ħal Luqa baqa' konsistenti fid-deċiżjoni tiegħu. Is-Sindku John Schembri spjega li fl-oġġezzjoni tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Luqa daħħalna l-kamra tan-nar ta' san Bastjan, għaliex din il-kamra tan-nar, ta' kull sena titlob in-NO OBJECTION tas-Sindku John Schembri qabel kull festa, għaliex din il-kamra tan-nar taqa' fil-konfini ta' Ħal Farruġ. Is-Sindku John Schembri qal li permezz ta' dan, il-Kunsill Lokali ta' Ħal Luqa jkun qiegħed isaħħaħ il-poizzjoni tiegħu.

## 32.11 Skeda ta' Pagamenti u petty cash

**32.11.01** Fuq proponiment tal-Viċi Sindku Keith Bartolo, u sekondat mill-Kunsillier Anton Gatt, il-Kunsilliera preżenti kollha qablu bi qbil unanimu dwar l-iskeda tal-pagamenti u l-petty cash.

## 32.12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

**31.12.01** Is-seduta tal-Kunsill intemmet fis-19.15 wara li ġiet mgħoddija l-aġenda kollha u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 7 ta' Lulju 2026, fil-17.30.

**Ikkonfermati llum it-Tlieta 7 ta' Lulju 2026.**

| | |
|---|---|
| ______________________ | ______________________ |
| **John Schembri** | **Astrid Pell** |
| *Sindku* | *Segretarju Eżekuttiv* |